# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

**Minuti tal-20 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 17 ta' Settembru 2020 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Assenti** :

| | |
|---|---|
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

20.01 **Talba**

20.01.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba.

20.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

20.02.1 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

20.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 19**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 19 gew approvati unanimament peress li kienu ntbgħatu lill-Kunsillieri mal-Aġenda. Il-Viċi Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Zaffarese issekonda.

20.04 **Punti mill-Minuti**

20.04.1 Rigward il-Proġett tal-Pjazza, s-Sindku spjega li għad trid issir *snag list* u fejn hemm xogħol li ma sarx kif suppost dan irid jitranġa. Rigward l-incident fejn tifel waqa ġo ħofra fi Triq il-Parrocca, s-Sindku spjega li l-familja tat-tifel tista tfittex lill-kuntrattur għad-danni. Rigward it-trasport pubbliku s-Sindku spjega li aktar tard din il-ġimgħa kienet ser issir laqgħa ma Transport Malta. Huwa qal ukoll li l-*cables* tad-dawl kienu tgħaddew iżda kien għad jonqos iċ-ċertifikazzjoni. Triq San Bażilju u Triq id-Duluri għandhom jingħataw l-asfalt il-ġimgħa d-dieħla. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk l-ittra li kienet talbet sabiex tintbgħat rigward it-triq tan-nofs kientx intbagħtet hekk kif maqbul f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill. It-tweġiba kienet li dawn se jkunu qegħdin iduru kollox. Hija saħqet ukoll fuq l-importanza

li dawn għandhom iħaffu għaliex ma jistax ikun li r-residenti jibqgħu jinżlu l-*bypass* biex jagħmlu użu mit-trasport pubbliku.

20.04.2 Il-Kunsillier Zaffarese spjega li xi *cat feeders* kienu ħadu xi ftit għalihom dwar l-ittra li bgħatnilhom dwar l-ikel lill-qtates u għalhekk ġie deċiż li tinbgħat ittra lir-residenti kollha fejn nispjegaw li ħadd ma għandu jitma lil-qtates ħlief il-*cat feeders* u li ser tittieħed azzjoni kontra min jinqabad iħalli ikel għal-qtates.

20.04.3 Rigward il-modifika fuq li-*sleeping policeman* fi Triq Kirkop, is-S.E. spjega li din saret fuq talba tar-residenti peress li meta għamlet ħafna xita, kien daħlilhom ħafna ilma fil-*basement* tagħhom.

20.04.4 Il-Viċi Sindku spjegat li ħlas għal-*Item* 60 fl-ahhar Skeda ta' Pagamenti kien sar direttament mill-Foundation for Tourism Zones u mhux mill-Kunsill. Hija qalet illi l-Ġnien Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira huwa lest u rringrazzjat lill-Ministru Julia Farrugia Portelli li permezz tal-FTZD saret din il-ħidma. Qalet ukoll li tajjeb li niktbu ittra ta' ringrazzjament.

20.04.5 Is-S.E. ikkonferma li huwa kien il-*Project Leader* tat-3 progetti kif approvat.

20.04.6 Is-S.E. ikkonferma li huwa kien fil-pussess tat-24x7 kif approvat.

20.05 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.05.1 Is-Sindku spjega li konna ser nagħmlu talba sabiex l-i*street furniture* tal-Pjazza (bankijiet, *planters* u *ash-trays*) isiru mill-Gvern Ċentrali bħala parti mill-proġett.

20.05.2 Is-Sindku spjega fid-dettal il-problema li kien hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara l-ewwel xita. Huwa qal li sa llum, l-ebda *water catchment* ma għadu tqabbad mal-ġibjun u għalhekk dawn ma setgħux jiġbru l-ilma li kien hemm. Fl-istess ħin jidher li fil-Pjazza ftit li xejn kien hemm ilma u parti mill-kritika li kienet saret kienet ġustifikata, bħal fatt li l-ġibjun il-ġdid kellu jinbena fil-bidu tal-proġett u mhux fl-aħħar. Huwa spjega li x-xogħol fuq il-ġibjun jinsab fi stat avvanzat. Huwa qal li din il-ġimgħa kien ser jingħata l-aħħar saff tarmak sat-triq tas-siġar u l-ġimgħa d-dieħla ssir it-triq li tieħu għal Qrendi.

20.05.3 Rigward il-proġett tat-tħawwil tas-siġar fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, huwa qal li s-sigar kienu ser jaslu Malta fil-ġimgħat li ġejjin u li daqt kien ser jibda l-proċess tal-qlugħ tas-siġar l-antiki u jitħawwlu l-ġodda.

20.05.4 Rigward ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina, s-S.E. spjega li l-Perit inkarigat mill-proġett kienet talbitna sabiex isiru l-*gators* mal-*cables* tad-dawl. Peress li ġie spjegat li dawn il-*cables* dalwaqt ser jitneħħew biex jgħaddu *underground*, ġie deċiż li naraw jistgħux jaħdmu mill-*cables* l-isfel sakemm dawn il-*cables* jitneħħew.

20.05.5 Rigward ir-restawr tan-niċċa ta' Santa Marija fi Triq Santa Katerina, ġie deċiż li għandna nġibu l-kwotazzjonijiet sabiex isir ir-restawr skont ir-rapport tal-Perit Lewis.

20.05.6 Is-Sindku spjega li għandna nibdew ninvolvu aktar lil-*Contracts Manager* fuq il-kuntratti tal-indafa u ġie deċiż li għanda ssir laqgħa mal-*contracts manager* u l-kuntrattur li ghaliha ser jattendi l-Kunsillier Dingli. Is-S.E. intalab sabiex jiżgura li l-*Bulky Refuse* li jinġabar jiġi ddepożitat skont l-istruzzjonijiet tal-Wasteserv/ERA.

20.05.7 Rigward Ġnien Tfal ir-Raħal, is-S.E. informa li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu ser jibdew ix-xogħol fuq il-ħadid il-ġimgħa d-dieħla filwaqt li kien ser isegwi mill-qrib ix-xogħol tat-tikħil/zebgħa. Ġie deċiż li nqabbdu lil Nexos Lighting sabiex jieħdu ħsieb id-dawl tal-post.

**20.06 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

20.06.1 Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li Triq il-Fjuri issir *One Way* (tidhol minn Triq il-Parroċċa). Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ġie deċiż li ssir talba lil-TM.

20.06.2 Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li għandu jingħata kreditu lill-Kunsillier responsabbli minn xogħlijiet partikolari meta issir *post* fuq Facebook. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm risposta fuq l-ittra li kellha tinbgħat lill-Pulizija dwar jekk wieħed jistax jipparkja quddiem garage etc.

Il-Viċi Sindku staqsiet lis-S.E. jekk ġiex infurmat illi l-korrispondenza li tgħaddi mill-Kunsill permezz ta' email, il-Kunsillieri għandhom jiġu kkupjati. Ir-risposta kienet fl-affermattiv.

20.06.3 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li parti minn Triq Kirkop isir *One Way*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ġie deċiż li ssir talba lil-TM.

20.06.4 Il-Kunsillier Dingli fakkar li l-ħajt tal-Ġnien tal-Ġilju kien għadu ma tranġax kif kien oriġinarjament. Is-S.E. informa li kien diġà kiteb lil-IM dwar il-kaz u kien ser jerġa jfakkar lil-perit responsabbli mill-proġett.

20.06.5 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina kienx ser jinkludi l-faċċata kollha. Is-S.E. ntalab sabiex jikkonferma mal-perit responsabbli kif ukoll li naraw jekk tistax terġa teħel il-qanpiena li kien hemm.

20.06.6 Il-Kunsillier Dingli ġibed l-attenzjoni għal fatt li faċċata tat-Torri Vincenti kien waqa ħajt bil-maltemp u li għalkemm dan kien reġa nbena, kien tħalla ħafna materjal taħt l-istess ħajt. Ġie approvat li ninfurmaw lil-Pulizija dwar il-każ.

20.06.7 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex isir iż-żbir tas-sigar ta' Ġnien Mikelang Sapiano. Ġie deċiż li għandna nitolbu lil Callus Garden Centre sabiex jagħmel dan ix-xogħol flimkien maż-żbir tas-siġar faċċata taċ-Ċimiterju u ta' Ġnien Ongi Ongella.

20.06.8 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *Reserved Parking* għal persuna b'diżabilita'. Is-S.E. informa li TM ma kienitx laqgħet din it-talba u s-Sindku informa li kien ser jitlob laqgħa dwar is-suġġett ma' TM peress li kienu ġew irrifjutati 3 talbiet simili.

20.06.9 Il-Kunsillier Dingli staqsa meta ser jerġa jkun hemm aċċess lejn ir-raħal minn Triq Valletta u s-Sindku nforma li x-xogħol tat-trinka għandu jitlesta l-ġimgħa d-dieħla.

20.06.10 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex Sqaq Buħar jingħata l-konkos. Is-Sindku nforma li kien ser jagħmel talba f'dan is-sens lil TM.

20.06.11 Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir mera fi Sqaq Nru 2 fi Triq il-Parroċċa. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

20.06.12 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex jitranġa Sqaq Nru 5 fi Triq il-Parroċċa. Is-Sindku nforma li kienet diġà saret talba f'dan is-sens lil-IM.

20.06.13 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex jitneħħa *single yellow line* quddiem il-garaxxijiet fi Triq il-Parroċċa. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

20.06.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk is-*sleeping policeman* li kien hemm fi Triq Saljatura kienx ser jerġa isir jew le. Is-Sindku kkonferma li dan kien ser jerġa jsir minn IM.

20.06.15 Il-Kunsillier Sciberras talab li bozza li hemm fi Triq San Innoċenzju titqabbad mas-sistema tal-i*street lighting*. Ġie approvat li ssir talba lil-Enemalta.

20.06.16 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni għal fatt li viċin iz-*zebra crossing* fil-Pjazza hemm xi kantunieri tal-lava mkissrin. Ġie approvat li ninvestigaw u li jekk hemm bżonn nitolbu sabiex dawn jinbidlu.

20.06.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li ssir *Bring-in Site* viċin il-Klabb tal-Football. Ġie deċiż li għalissa din ma ssirx.

20.06.18 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-iżvilupp propost għal binja tal-BOV fir-raħal. Is-Sindku ta dettalji tal-laqgħa li huwa kellu mas-CEO tal-BOV u li wara li saret spjega lir-resident li kien qed joġġezzjona għal dan l-izvilupp, jidher li ma għadx hemm aktar oġġezzjoni għall-imsemmi żvilupp.

20.06.19 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar id-*Double Yellow Lines* li hemm fi Triq il-Lanġasa peress li hemm xi problemi. Is-S.E. intalab sabiex jara eżatt il-permess li kienet ħarget TM għal dawn il-linji.

20.06.20 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex l-ispazju li hemm fi Triq Dun Giacomo Tortella jitranġa. Is-Sindku nforma li kien ser jagħmel talba f'dan is-sens lil-IM.

20.06.21 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar periklu minn ħajt privat fi Triq il-Parroċċa. Ġie deċiż li jsir rapport lil-Pulizija.

20.07 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 578**

20.07.1 L-iskeda tal-pagamenti nru 578 u l-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Awwissu 2020 ġew approvati unanimament.

20.07.2 Ġie deċiz li qabel isir il-pagament lil-librara ghax-xahar ta' Ġunju 2020, għandna nġibu l-konferma bil-miktub tas-Sur Michael Cachia li matul ix-xahar ta' Ġunju, sar ix-xogħol li kien ippjanat.

20.07.3 Ġie deċiz li qabel isir il-pagament lil-BDL Ltd. Ghax-xiri ta' kotba ghal-Librerija Lokali, għandna nikkonfermaw mal-librara li l-kotba imnizzla fuq il-kont kienu verament waslu fil-librerija.

20.07.04 Ġie deċiz li peress li x-xogħol fuq il-*Bus Shelter* għadu mhux komplut, il-kont tiegħu għandu jitħallas malli dan ix-xogħol jitlesta.

20.08 **Punti Oħra**

20.08.1 Korrispondenza mill-Kumitat Reġjonali Nofsinhar dwar il-Kampanja *Pink October*. Ġie unanimament deċiz li bħas-sena l-oħra għandha tinxtgħel il-faċċata tal-bini tal-Kunsill bid-dawl roża matul Ottubru.

20.08.2 Talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq tal-Franka. Ġie unanimament deċiz li nkellmu lil-Perit Audrey Attard sabiex issir stima tax-xogħol meħtieġ.

20.08.3 Is-S.E. fakkar li mid-19 ta' Ottubru kienu ser jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet tal-ganutell mill-iskema *Lifelong Learning* ġewwa l-iSptar il-Qadim. Is-S.E. ġie nkarigat sabiex jara li jkun hemm kollox kif suppost kif ukoll li jieħu ħsieb jiftaħ il-post kull-ġimgħa.

20.08.4 Ċirkulari Cirk 7/2020 mid-DLG dwar il-ħruġ ta' permessi wara d-9.30 am f'dawk it-toroq li jkunu viċin l-iskejjel. Is-S.E. intalab sabiex jiżgura li ma jinħarġux permessi qabel il-ħin indikat fit-toroq fil-viċinanzi tal-iskola u l-Pjazza.

20.08.5 Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 mid-DLG dwar Finanzjament ta' Progetti Kapitali - Accessibilita' u Mobilita'. Is-S.E. talab lill-Kunsillieri sabiex jagħtuh risposta sa laqgħa oħra.

20.08.6 Ġie unanimament deċiz li Bord ta' Evalwazzjoni tal-kuntratt tal-Latrini Pubbliċi għandu jkun kompost mis-Sindku bħala ċ-*Chairmen* filwaqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Dingli u Sciberras ikunu l-membri u s-S.E. ikun is-Segretarju.

20.08.7 Ġie unanimament deċiz li s-S.E. u l-istaff klerikali tal-Kunsill jiżdiedu mal-lista tal-persuni inxurjati mill-Kunsill.

20.08.8 Ġie unaniment deċiz li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet u disinji għat-tiżjin tal-Milied fil-Pjazza u fi Triq Karmenu Ciantar.

20.08.9 Ġie unanimament deċiz li għandna nesploraw il-possibilita' li d-depożiti tal-flus tal-Kunsill jibdew isiru permezz tal-G4S. Is-S.E. ser jieħu ħsieb iġib kwotazzjoni sal-laqgħa li jmiss.

20.08.10 Ġie unanimament deċiz li għandhom jinbidlu l-*airconditioners* fl-uffiċċju tas-S.E. jew li jsir *airconditioner* wieħed u tgħola l-*partition*.

20.08.11 Is-S.E. staqsa lill-Kunsill dwar x'kien sar dwar ir-rapport li kien sar mill-Perit tal-Kunsill dwar il-bini amministrattiv tal-Kunsill. Ġie deċiz li għandna naraw x'jista jsir sabiex jekk jeżisti xi periklu speċjalment minn xi balavostri fuq l-apramorta, dan il-periklu jitneħħa.

20.08.12 Talba sabiex isiru *Bus Shelters* mal-istejges Saljatura. Din it-talba ġiet approvata.

20.08.13 Talba sabiex jitranġa Sqaq numru 3 fi Triq il-Parroċċa peress li f'parti minnu iżomm l-ilma. Ġie unanimament deċiż li malli jingħata l-kuntratt tar-*Resurfacing u Patching*, dan ix-xogħol ghandu jsir. Rigward talba sabiex l-istess Sqaq jingħalaq permezz ta' *bollard* li tkun tinqala, ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħa iżda li għandna niktbu lir-residenti tal-isqaq sabiex nitolbu aktar koperazzjoni bejn ir-residenti. Hawn il-Viċi Sindku qalet illi hemm postijiet oħra u dawn iridu jsiru kollha f'daqqa.

20.08.14 Ġie unanimament approvat li jitqabbad is-Sur F. Callus sabiex jagħmel xogħlijiet ta' tiswija fil-latrini pubbliċi u fl-iSptar il-Qadim.

**20.09 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

20.09.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:50 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 19 ta' Ottubru fis-6:00 pm

KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Konfermati illum l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Fabian Mizzi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |